MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 740/2004

**Carmen u Rosaria Baldacchino**
**Vs**
**Victoria u Joseph Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-attrici Carmen Baldacchino bil-kunsens ta' zewgha l-attur l-iehor kienu pprezentaw rikors fit-28 ta' Jannar 2003 fejn kienu talbu lill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 150[d] tal-Kodici Civili illi s-setgha tal-genituri ta' Lisa u Silvio Pace limitatament fil-konfront tal-minuri Tristian Pace gie terminat *ipso jure* u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija, kopja tar-rikors qed jigi ezebit bhala Dok A, kienet talbet ukoll il-Qorti takkordalha t-tutela tal-minuri fit-terminu ta' l-Artikolu 159 tal-Kodici Civili.

Peress illi dan ir-rikors gie eventwalment michud, digriet numru 711/04 u sussegwentement saru rikorsi ohra li lkoll gew michuda.

Peress illi in effetti rrizulta li fil-frattemp kien sar rikors fl-Atti tal-proceduri inizjati mill-attrici Carmen Baldacchino fejn it-tutela ntalbet min-nanniet tal-minuri Joseph u Victoria konjugi Pace liema rikors gie akkordat fit-23 ta' Settembru 2004 u li ghalhekk il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja qed tirrifjuta li tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet ta' l-atturi.

Peress illi bir-rispett kollu l-atturi jhossu li l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja ma applikatx sew l-Artikolu 160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghax ma jirrizultax li huwa fl-interess tal-minuri li t-tutela tieghu tigi fdata f'idejn in-nanniet tieghu.

Peress li jidher car li huwa fl-interess tal-minuri li t-tutela ta' l-istess minuri tigi fdata f'idejn l-atturi u dan peress li l-atturi ilhom jindukraw il-minuri mit-twelid u issa ghandu sentejn u erba' xhur.

Illi f'dan is-sens ghandu jinghad li n-nanniet tal-minuri li ghandhom sebghin sena huma ta' ftit mezzi, m'ghandhomx kumdita biex irabbu l-minuri, qatt ma raw lill-istess minuri u inoltre talbu t-tutela ta' tmint [8] itfal ohra tal-missier Silvio Pace li qed jiskonta z-zmien ta' ghomru l-habs.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi prevja:

1. Thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti Civili [Sezzjoni Volontarja] tat-23 ta' Settembru 2004 fejn il-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja kienet akkordat it-tutela tal-minuri Tristian Pace lill-konvenuti.

2. Tordna li t-tutela ghandha tigi vestita f'idejn l-atturi u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li fl-ewwel eccezzjoni taghhom issollevaw l-inkompetenza ta' din il-Qorti rationae materiae;
Rat l-atti tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi in forza tal-proceduri odjerni l-atturi qedin jitolbu r-revoka tad- digriet moghti mill-Qorti Civili [Sezzjoni Volontarja] fit-23 ta' Settembru 2004, li permezz tieghu t-tutela tal-minuri Tristan Pace, giet fdata f' idejn il-konvenuti.

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu preliminarjament li din il-Qorti m' ghandhiex kompetenza f' din il-materja.

Illi din il-kawza giet assenjata lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, u r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali f' ittra datata 5 ta' Ottubru 2004 mibghuta lid-Deputati Registraturi spjega, inter alia, li l- "l-kwistjoni ta' tutela giet eskluza mill-legislatur li tigi assenjata lill-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] skond l-artikolu 4 ta' l-Avviz Legali 9/2004.

Illi skond l-imsemmi avviz legali li dahal fis-sehh fis-16 ta' Dicembru 2003 hemm tlett sezzjonijiet fil-Qorti Civili li ghandu jigi assenjat lilhom il-kategorija ta' kawzi [Reg.2]. Dawn is-sezzjonijiet tal-Qorti Civili huma [a] is-Sezzjoni tal-Familja, [b] is-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja u [c] is-Sezzjoni ta' gurisdizzjoni generali li tissejjah il-Prim Awla tal-Qorti Civili. [Reg.3]

Fir-regolament numru 4 l-avviz jispecifika dawk il-kawzi li ghandhom jigu assenjati lil Qorti Civili [Sezzjoni Familja]. Jigi osservat li kawzi rigwardanti tutela ta' minuri [Titolu V ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili] mhumiex indikati fost dawn il-kawzi.

Fir-regolament numru 5 hemm specifikati r-rikors li ghandhom jigu trattati mill-Qorti Civili [Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja], fosthom dawk rigwardanti tutela ta' minuri that it-Titolu V fuq citat.

Illi di piu'  l-Artikolu 35 tal-Kap.12 jiddisponi li, ghalkemm ma hemmx dritt ta' appell minn digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, "izda meta l-parti jidhrilha li hija aggravata, tista taghmel kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-provvediment mehtieg."

In vista tal-premess l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione materiae hija insostenibbli u qeda tigi respinta, bl-ispejjez.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------